MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tas-17 ta' Ottubru, 2012

Numru. 591/2009

**Il-Pulizija**
**[Spettur Frankie Sammut]**

**vs**

**Joseph Pace**

**Kumpilazzjoni Numru: 591/2009**

**Illum, 17 ta' Ottubru, 2012**

Il-Qorti

Rat l-akkuza migjuba kontra **Joseph Pace,** ta' 20 sena, bin Martin u Maria Concetta nee' Delia, imwieled il-Pieta', fid-29 ta' Dicembru, 1988, li joqghod fil-font numru, 8, Triq il-Kurcifiss, l-Isla jew Flat numru 6, Blokk G, Unit Numru 1,

Binja tal-Gvern, Triq il-Knisja, Rahal Gdid u detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru 13889(M).

Akkuzat talli
a) nhar id-19 ta' Gunju, 2009, ghal habta ta' l0:30 ta' fil-ghaxija, fil-waqt li kien f'l-inhawi tal-ponta ta' l-Isla, flimkien ma' persuni ohra, minghajr il-hsieb li toqtol jew tqieghed il-hajja ta' John Baptist Degiorgio minn Bormla f'periklu car, ikkaguna ferita ta' natura gravi f'wiccu, skond ma ccertifikat Dr.Camilleri M.D mill-isptar Mater Dei, liema ferita iggiblu debulizza permanenti, mankament jew sfreggju fil-wicc.
b) Barra minn dan, akkuzat ukoll talli, fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, gab ruhu b'tali mod li kkaguna lil haddiehor biza' li ser tintuza vjolenza kontra taghhom, meta kien jaf jew imissu kien jaf li, b'tali imgieba tieghu, ser jikkaguna lil haddiehor biza',
c) Barra minn dan akkuzat ukoll tallli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi fil-waqt li kien fl-inhawi tal-ponta ta' l-Isla, fil-hin ta' matul il-lejl, volontarjament kiser il-bon ordni u l-kwiet tal-pubbliku
d) U aktar akkuzat talli fl-istess, data, hin, lok u cirkustanzi qal kliem oxen, indicenti u dagha.
e) U aktar talli nhar id-19 ta' Gunju, 2009 fil-waqt li kien fil-ponta ta' l-Isla ikkawza hsara volontarja fuq vettura ta' l-ghamla Peugeot mudell 306 li ghandha n-numru tar-registrazzjoni GAA 834 ghad-dannu ta' Filippa maghrufa bhala Phyllis Degiorgio u persuni ohra, liema hsarat jeccedu €1,162.70 (LM500).
f) U aktar talli fl-istess data, hin, u lok ikkawza griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Amadeo Brincat hekk kif iccertifikat minn Dr.Darryl Xuereb M.D mic-Centru tas-Sahha ta' Rahal il-Gdid
g) Akkuzat ukoll talli fl-istess data, hin u lok, ikkawza feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Fabian Brincat.
h) Barra minn hekk kiser provvediment ai termini ta' l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 moghtija mill-Magistrat Dr.Doreen Clarke LL.D fil-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema kundizzjonijiet saru effettivi mill-11 ta' Frar, 2008.

Il-Qorti, giet mitluba wkoll sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li

ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond il-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti, giet mitluba wkoll li tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini ta' l-artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f'kaz ta' htija ma' kull piena li l-Qorti jidrilha xierqa.

Il-Qorti, giet mitluba wkoll illi barra li taghti l-piena stabbilita bil-Ligi, tapplika ukoll l-artikoli 383, 384, u 385 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghas-sigurta ta' din il-persuna hawn fuq indikata.

Rat in-nota ta' l-Avukat Generali permezz ta' liema baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub fis-segwenti artikoli tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta:
a) 214, 215, 216(1)(a)(b)(2) dwar l-imputazzjoni ta' offiza gravi fuq il-persuna ta' John Baptist Degiorgio;
b) 214, 215, 221(1)(2) dwar l-imputazzjoni ta' offiza ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Amadeo Brincat;
c) 214, 215 u 221(2) dwar l-imputazzjoni ta' offiza ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Fabian Brincat;
d) 325(1)(a);
e) 338(dd);
f) 17, 31 u 533.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jitkompla bi procedura sommarja.

Semghet il-provi u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi jibda biex jinghad li ai termini tac-citazzjoni kien hemm tmien (8) imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat; dawn huma:
1. Offiza gravi fuq il-persuna ta' John Baptist Degiorgio;

2. Gab ruhu b'mod li kkawza biza' li ser tintuza vjolenza;
3. Ksur tal-paci u ordni pubbliku;
4. Qal kliem oxxen u indicenti;
5. Ksur ta' ordni ta' probation;
6. Hsara volontarja a dannu ta' Phyllis Degiorgio;
7. Offiza ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Amadeo Brincat;
8. Offiza ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Fabian Brincat.

Illi pero fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju ta' l-Avukat Generali hemm biss referenza ghal hames (5) imputazzjonijiet u cioe:

- Offiza gravi fuq il-persuna ta' John Baptist Degiorgio;
- Ksur tal-paci u l-ordni pubblika;
- Hsara volontarja a dannu ta' Phyllis Degiorgio;
- Offiza ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Amadeo Brincat;
- Offiza ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Fabian Brincat.

Illi l-Qorti necessarjament ikollha tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' dawk l-imputazzjonijiet li mhux elenkati fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju ta' l-Avukat Generali.

Illi f'l-udjenza mizmuma fit-23 ta' Marzu 2009, meta Fabian Brincat ta d-depozizzjoni tieghu, huwa hafer lill-imputat ghalhekk il-Qorti qed tqies il-kwerela rikjesta ghall-prosekuzzjoni ta'l-ahhar imputazzjoni: offiza hafifa fuq il-persuna ta' Fabian Brincat, bhala rtirata u l-procediment fir-rigward ta' din l-imputazzjoni ezawriet.

Ikkunsidrat

Illi l-fatti ta' dan il-kaz jirrivolvu ma' glieda lil qamet bejn zewg gruppi ta' zaghzagh. Gara li certu Keith Vella mar biex jiehu s-sodisfazzjoni ma' Amadeo Brincat peress li dan kien qed johrog ma' tfajla li (Vella) kien ghadu kemm

hassar minn maghha. Vella u Brincat gew f'l-idejn u John Baptist Degiorgio (li kien ma' xi guvintur ohra) mar biex iferraqhom meta intervjenew xi hbieb ta' Keith Vella, inkluz l-imputat odjern Joseph Pace, u spiccaw kollha fi glieda wahda.

Illi mill-allegati vittmi fil-proceduri odjerni taw d-depozizzjoni taghhom quddiem din il-Qorti John Baptist Degiorgio u Fabian Brincat[1]; xhud okkulari ohra kienet Giorgina Gerada.

Illi l-ewwel imputazzjoni tirreferi ghal griehi ta' natura gravi sofferti minn John Baptist Degiorgio.

Illi mid-depozizzjoni ta' Degiorgio jirrizulta li meta mar fuq Keith Vella u Amadeo Brincat biex iferraqhom Vella tah daqqa fuq genbu (x'aktarx b'tornavit) u f'dak il-hin gew fuqu l-imputat u zewg persuni ohra u qabdu jaghtuh bil-ponn u kien b'hekk li soffra l-giehi fuq wiccu. Fabian Brincat, li dak il-hin kien qieghed ma'l-istess klikka hbieb ta' Degiorgio, jghid li ra lil Keith Vella jagredixxi lil Amadeo Brincat meta f'daqqa wahda mar l-imputat fuqu u tah daqqiet ta' ponn fuq ghajnejn u hu (Brincat) telaq jigri u ghalhekk ma jafx x'gara aktar; dan ix-xhud ma qal xejn li seta' jitfa' dawl fuq l-incident in kwantu jikkoncerna lil Degiorgio. Lanqas ix-xhud Giorgina Gerada ma qalet xejn li jirrigwarda dik il-parti ta' l-incident meta Degiorgio safa' imwegga'.

Illi huwa principju ben stabbilit li xhud wiehed, jekk emmnut, huwa bizzejjed biex tigi pruvata xi imputazzjoni. Il-Qorti ma tara l-ebda raguni ghalfejn ghandha tiddubita lil Degiorgio li ta verzjoni li hija verosimili. Tenut kont ta' dan fid-dawl tal-provi kollha akkwizieti f'dan il-process il-Qorti hija konvinta li l-imputat flimkien ma' zewg persuni ohra aggredixxa lill-Degiorgio u flimkien ikkagunaw l-griehi li soffra Degiorgio f'wiccu[2].

---

[1] Amadeo Brincat ghazel li ma jaghtiex id-depozizzjoni tieghu minnhabba proceduri pendenti fil-konfront tieghu b'referenza ghal dan l-istess incident.

[2] Il-Qorti qed teskludi l-griehi li Degiorgio soffra f'qaddu ghaliex dawn gew kawzati minn Keith Vella b'l-oggett li kellu f'idejh u ghal dawn il-griehi zgur li m'ghandux jirrispondi l-imputat.

Illi f'dan ir-rigward huwa stabbilit f'l-artikolu 237 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li meta fi glieda accidentali xi hadd isoffri griehi u ma jkunx jista' jigi stabbilit minn kien l-awtur ta'l-offiza kull wiehed li jkun ha parti attiva kontra l-offiz ghandu jirrispondi kif predispost f'dik l-imsemmija dispozizzjoni tal-Ligi. L-artikolu 237 mbaghad jistabilixxi piena differenti f'kaz ta' htija a bazi tan-natura gravissima, gravi jew hafifa ta'l-offiza.

Illi l-imputat qed jikkontesta (ukoll) in-natura gravi ta' l-offiza sofferta minn Degiorgio. Il-Qorti pero, wara li rat r-rapport ta'l-espert Dr Mario Scerri u c-certifikati esebieti bhala Dok JB3 u Dok JB4, hija sodisfatta li b'rizultat tad-daqqiet ta' ponn Degiorgio sofra griehi gravi ai termini ta'l-artikolu 216(1)(b) cioe sfegju f'wiccu.

Illi ghalhekk il-Qorti fil-fehma tal-Qorti l-ewwel imputazzjoni migjuba fil-konfront ta' l-imputat giet pruvata.

Illi t-tieni imputazzjoni tirreferi ghall-ksur tal-paci u ordni pubbliku.

Illi tenut kont ta' dak li gara f'dan l-incident u tas-sehem ta'l-iumputat fih l-Qorti m'ghandha l-ebda dubbju li din l-imputazzjoni tirrizulta ukoll.

Illi s-sitt imputazzjoni tirreferi ghal hsara volontarja kkawzata fil-vettura b'numru ta' registrazzjoni GAA 834 propjeta ta' Filippa Degiorgio.

Illi dak in-nhar din il-vettura kienet qed tinstaq minn John Baptist Degiorgio li huwa bin Filippa Degiorgio; meta hu ipparkja l-vettura fil-post vicin ta' fejn sehh l-incident mertu ta' dawn il-proceduri huwa halla c-cwievet fiha.

Illi mid-depozizzjoni ta' John Baptist Degiorgio jirrizulta li fil-hin li ghadda minn meta ittiehed ic-Centru tas-Sahha ta' Rahal-l-Gdid sa kemm waslu l-pulizija fuq il-post ta' l-incident il-vettura imsemmija garrbet hsarat estensivi; kellha daqqa fuq wara kompatibbli ma' daqqa mal-bollards li maghhom instabet wieqfa u kellha ukoll daqqiet mal-

bibien tal-genb u l-winscreen mifqugh. Mill-provi jirrizulta li Fabian Brincat f'xi hin saq il-vettura u habat mal-bollards ghalhekk huwa car li l-hsara fuq in-naha ta' wara tal-vettura giet ikkawzata minn din id-daqqa u ghaliha jahti Fabian Brincat. Pero mill-atti ma jirrizulta xejn li jista' jitfa' dawl fuq kif giet kawzata l-hsara l-ohra fil-vettura u minn min. F'nuqqas ta' din il-prova ma jistghax jinghad li din is-sitt imputazzjoni giet pruvata.

Illi s-sebgha imputazzjoni tirreferi ghall-offiza ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Amadeo Brincat.

Illi ghandu jinghad li ghalkemm Amadeo Brincat ma tax id-depozizzjoni tieghu quddiem din il-Qorti huwa kien xehed quddiem l-espert (Dr Mario Scerri) nominat f'l-atti ta' l-inkjesta relattiva. Mix-xhieda tieghu dak in-nhar kif ukoll mix-xhieda tal-persuni l-ohra koncernati jidher li l-unika persuna li aggrediet lil Amadeo Brincat kien Keith Vella ghalhekk jekk Brincat soffra xi griehi l-imputat ma jistghax jinzamm responsabbli ghalihom.

Illi ghalhekk anke din l-imputazzjoni ma tirrizultax.

Ikkunsdrat

Illi dwar il-piena hemm diversi fatturi li ghandhom jittiehdu in konsiderazzjoni. Bla dubbju l-ewwel fattura huwa n-natura tar-reat li tieghu qed jinstab hati l-imputat u c-cirkostanzi li fihom sehh l-incident de quo Il-Qorti necessarjament ghandha tiehu in konsiderazzjoni ukoll l-fedina penali ta'l-imputat. Minkejja li fid-data ta' l-incident in ezami l-imputat kellu biss ghoxrin sena kien diga inghata liberta kunizzjonata ghal reati konnessi ma'l-abbuz tad-droga u tpogga taht ordni ta' probation ghall-istess reat li tieghu qed jinstab hati llum. Fil-fatt dan l-ahhar reat gie kommess fil-perjodu ta' dik il-probation. Tenut kont tal-fatt li jidher li l-imputat qed jinjora l-opportunitajiet li diga nghatawlu l-Qorti hija tal-fehma li ghandha timponi piena karcerarja. Il-Qorti hadet in konsiderazzjoni ukoll dak predispost f'l-artikolu 237(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti fil-waqt li ghar-ragunijiet premessi tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni, tar-raba, u tal-hames imputazzjonijiet, fil-waqt li tiddikjara l-procediment ezawriet fir-rigward tat-tmien imputazzjoni, u fil-waqt li ma ssibx lill-imputat hati tas-sitt u s-sebgha imputazzjonijiet u tilliberah minnhom, wara li rat l-artikolu 216(1)(b) u 237(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputat hati ta'l-ewwel imputazzjoni u tikunndannah xahar prigunerija. In oltre u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tikkundanna lill-imputat biex fi zmien xahar ihallas lir-Registratur ta' din il-Qorti s-somma ta' disghin Euro (€90.00) rapprezentanti sehemu mill-ispejjez peritali rinkorsi f'l-injesta mizmuma.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------